IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 17 ta' Lulju, 2024

Rikors numru: BCT/37/2023

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Matthew Zerafa a nom tal-Awtorita` tad-Djar

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' rikors datat 19 t'Awwissu, 2023 fejn l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 7 ta' Lulju, 2023 fejn permezz taghha l-Awtorita` intimata imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) lil Matthew Zerafa u dana in vista ta' nuqqas ta' tindif immedjat, hasil jew tnehhija ta' trab mit-triq bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08.

Illi permezz tal-appell tieghu l-appellanti ikkontenda s-segwenti:

1. Ma hemm ebda prova li d-debris imsemmi fit-tahrika kien gej minn xoghol kommisjonat mill-Awtorita` tad-Djar. Kien hemm kuntrattur iehor li kien qed jahdem fuq bicca xoghol ohra differenti – tant li kellu skip tieghu fil-vicin, ghalhekk ma jistax jinghad li jekk instab xi hmieg dan kien gaj mill-progett tal-Awtorita` tad-Djar
2. Illi ghalkemm bhala Ceo Matthew Zerafa jirrapprezenta lill-Awtorita` tad-Djar, ma jistax ghal tahrika bhal din jirrisponi huwa personalment
3. Illi il-kuntrattur tal-progett jirrileva li x-xoghol tal-Awtorita tad-Djar sar f'bieb numru 18 u mhux 17 bhalma jidher fit-tahrika.
4. Illi l-kuntrattur li kien qed jiehu hsieb il-progett rama l-iscaffolding biex barra li kien hemm l-ilqugh il-materjal li beda jaqa' beda jigi fuq is-shutter. Intant jikkonferma ukoll li l-bankina kienet tinkines kuljum.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi preliminarjament li skont il-ligi sussidjarja 623.08 huwa l-maniger tas-sit li jiehu hsieb li fi kliem semplici, tigi rispettata l-ligi kwindi la darba s-Sur Zerafa huwa indikat bhaa tali l-obbligazzjoni tinkombi fuqu.*
3. *Illi durante t-trattazzjoni tal-appell, r-rapprezentanti tal-Awtorita` appellata ser jkunu qeghdin jispjegaw f'iktar dettall il-fatti fejn jidher car li kien hemm l-ksur.*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-verbal tas-seduta datata 6 ta' Settembru fejn ic-Chariman fit-Tribunal kif hemmhekk kompost irrikuza ruhu u assenja l-appell lit-Tribunal li sa dak iz-zmien ma kienx ghadu gie diversament kompost.

Sema' x-xhieda tal-perit Alessandra Fiott waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024.

Sema' x-xhieda ta' Andrew Briffa u ta' Sean Mizzi waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2024.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal u d-dokumentazzjoni kollha ezebita.

Ra l-verbal tas-seduta datata 9 ta' Lulju, 2024 fejn, fl-istess seduta, gie dikjarat li l-partijiet m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu u l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ser jindirizza fl-ewwel lok l-aggravju preliminari koncernanti l-fatt li d-decizjoni appellata inharget fil-konfront ta' Matthew Zerafa. F'tali rigward l-Awtorita` tikkontendi li Matthew Zerafa, in kwantu maniger tas-sit, huwa ritenut responsabbli skont il-ligi sussidjarja 623.08.

Illi fil-fatt skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08:

> *"manager tas-sit" tfisser persuna li twettaq id-dmir jew dmirijiet skont dawn ir-regolamenti. Tali persuna għandha tiġi nominata minn u tkun responsabbli għan-nom tas-sid sabiex tiżgura l-implimentazzjoni korretta ta' dawn ir-regolamenti. Il-manager tas-sit appuntat jista' jkun wieħed (1) minn dawn li ġejjin:*
> *(a) is-sid innifsu;*
> *(b) is-superviżur tal-proġett kif imfisser fir-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni);Kap. 390.*
> *(ċ) Perit kif definit fl-Att dwar il-Periti; jew*
> *(d) kwalunkwe persuna kompetenti oħra.*

Illi f'dan il-kaz ma giex pruvat li Zerafa ikopri r-rwol ta' maniger tas-sit fil-kwalita` tieghu persunali. Jinsab ammess madanakollu li huwa jokkupa l-kariga ta' CEO tal-Awtorita` tad-Djar li kienet ikkummissjonat ix-xogholijiet fi proprjeta` tal-istess Awtorita`. Konsegwentement huwa car li Zerafa jista' jigi biss indirizzat in kwantu jokkupa kariga rapprezentanttiva tas-sid tas-sit relattiv u mhux ukoll f'xi kwalita` tieghu personali.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jilqa' l-aggravju preliminari surreferit u kwindi jhassar id-decizjoni tal-Awtorita` datata 7 t'Awwissu, 2023 sakemm din tinsab indirizzata fil-konfront tal-appellanti fil-kwalita` tieghu persunali.

Illi fir-rigward tal-indirizz li fih kellha ssir l-ispezzjoni, xehed l-ufficjal inkarigat Sean Mizzi li kkonferma li "*l-ispezzjoni kienet saret fi Triq San Tumas, il-Furjana.* (…) *Lill-haddiema kellimthom u huwa qaluli li kienu jahdmu ma' certu kumpanija bl-isem Escave Company Limited.* (…) *Jien min-naha tieghi ghamilt kuntatt ma' Escave Company Limited u dawn infurmawni li kienu qed jahdmu fuq inkarigu tal-Housing Authority.* (…) *Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid illi ma niftakarx illi kien hemm persuni ohrajn qed jahdmu fuq is-sit pero` nikkonferma ili jiena kellimt lill-impjegati ta' Escave Company Limited.*" Il-Perit Fiott ukoll ikkonfermat li xoghol kien qed isir fuq fond adjacenti ghal dak indikat fid-decizjoni u li l-fond li fih kien qed isir ix-xoghol huwa proprju proprjeta` tal-Awtorita` tad-Djar. Mistoqsija mit-Tribunal dwar ix-xoghol li kien qed isir fil-fond adjacenti hija qalet li meta accediet fil-fond tal-Awtorita` appellanti meta kienu qed jibdew ix-xogholijiet hemmhekk hija ma tatx kas ix-xoghol li seta' kien qed iwettaq haddiehor f'sit iehor.

In kontro-ezami, l-ufficja Mizzi, mistoqsi biex ikun aktar preciz fir-rigward tas-sit illi fih kienu qed isir ix-xoghol l-istess xhud wiegeb:

> "*Qed nigi mistoqsi fejn kien qed isir dan ix-xoghol, f'liema indirizz u nghid illi ghadda z-zmien, ma niftakarx imma niftakar car li kien qed isir xoghol fis-sit li huwa f'kantuniera u x-xoghol kien qed isir fis-sular ta' fuq.*"

Illi tali verzjoni hija kkonfermata mill-appell innifsu fejn fir-rikors relattiv jinsab dikjarat li "*x-xoghol kien qed isir minn Escave Co Ltd*" salv dejjem li jigi kontestat li d-debris nutat fit-triq kien gej mix-xoghol imwettaq minn tali kumpanija. Huwa l-istess kuntrattur Andrew Briffa li, fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal "*spjega li hu kien gie inkarigat mill-Awtorita` tad-Djar sabiex jaqla' gallariji tal-injam u jigi sostitwiti b'gallariji godda. Dan il-progett kellu jsir fl-indirizz 18 Triq San Tumas Floriana. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li fir-rigward tal-fond fl-istess triq bin-numru 17 jiena ma nghatajt l-ebda inkarigu ta' xoghol u lanqas ma kellu ghalfejn nidhol go fih. Naf pero` li kien hemm kuntrattur iehor jidhol fuq il-post li jiena dan il-kuntrattur ma nafux* (…) *Qed nigi mistoqsi fejn hija d-dahla tal-post li kont qed nahdem fih u nghid li din kienet tinsab kantuniera mal-faccata li tidher fir-ritratt numru 4.*"

Ghat-Tribunal dan kollu jindika li effettivament l-ghan tad-decizjoni appellata kien proprju dak li jindirizza nuqqas ravvizat mill-ufficjal tal-Awtorita` intimata fil-mod illi bih kienu qed isiru xogholijiet mill-kuntrattur imqabbad mill-Awtorita` tad-Djar bi hmieg depost fit-triq. L-ufficjal xehed li kkomunika mal-impjegati tal-Escave Limited dwar in-nuqqasijiet ravvizati minnu u mill-appell stess jirrizulta li din kienet proprju s-socjeta` inkarigata mill-Awtorita` tad-Djar biex twettaq xoghol fis-sit taghha. Perdipiu` id-deskrizzjoni ta' xogholijiet li kienu qed isiru fil-kantuniera ta' Triq San Tumas fl-ewwel sular jaqblu perfettament man-natura u l-post tax-xoghol li fih kien qed jahdem proprju l-kuntrattur imqabbad mill-Awtorita` tad-Djar kif irrizulta mill-provi.

Illi ghandu jigi kkunsidrat ukoll li l-livell ta' prova mehtiega minn dan it-Tribunal m'hijiex wahda li teskludi kull dubbju ragjonevoli. Fil-fatt jinsab deciz illi:

> *Minkejja li dan it-Tribunal ma huwiex forum kriminali fejn l-oneru ta' prova għandu jkun mingħar ebda ombra ta' dubju, huwa xorta mistenni li jkun hemm l-konvinċiment u provi sostanzjali li fuq bażi ta' probabilita' jindikaw li dak il-fatt sar.* (decizjoni minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut datata 5 ta' Diċembru, 2023 Rikors numru: BCT/43/2023 **James Dalli Vs Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**)

Illi bl-istess mod jinsab deciz li fl-ambitu ta' proceduri quddiem tribunal amministrattiv bhal dak odjern:

> *Dan it-Tribunal mhuwiex tal-fehma illi multi amministrattivi ta' dan it-tip ghandhom jigu trattati daqs li kieku kienu multi inflitti wara process kriminali u ghaldaqstant l-oneru tal-prova dwar dak allegat jibqa' regolat bir-regoli procedurali fil-kamp amministrattiv, u cioe`, li l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli.* (deciza mit-Tribunal ta'

Revizjoni Amministrattiva fit-13 ta' Gunju 2017 Rikors Numru. 158/2013 fl-ismijiet **Kenneth Vassallo Vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**).

It-Tribunal jinnota li l-indikazzjoni tal-indirizz ma jiffurmax parti f'dan il-kaz minn xi akkuza ta' natura penali imma hija inkluza fid-decizjoni amministrattiva bhala semplici indikazzjoni ta' fejn suppost kienu qed isiru x-xogholijiet. Madanakollu d-decizjoni appellata tindika bl-aktar mod car li n-nuqqas riskontrat kien nuqqas ta' tindif fit-triq, fejn allura ai fini tal-penali l-indirizz relattiv huwa strettament irrelevanti sakemm jinsab pruvat, skont il-livell ta' prova mehtieg hawn fuq, li huwa l-kuntrattur maghzul mill-Awtorita` tad-Djar li jahti ghal dak li qed jigi hemmhekk imputat lilu.

L-ufficjal tal-Awtorita` intimata fisser li "*waqt l-ispezzjoni konna sibna ghadd konsiderevoli ta' hmieg fuq il-bankina taht l-iscaffolding u fil-fatt l-iscaffolding kien bl-entrata ghalih maghluqa bit-tape b'tali mod li l-pubbliku ma setax jghaddi minn tahtu. Jien kellimt il-haddiema li kienu fuq is-sit u tlabthom inaddfu, tlabthom ukoll li jifthu l-access minn taht l-iscaffolding,* (…) *Nghid li jiena tlabthom ukoll illi jekk kien hemm hmieg li kien qed jaqa' mill-sicaffolding kellhom jaraw kif iwaqqfuh sabiex il-pubbliku ikun jista' jibqa' ghaddej bid-dritt minn tahtu*."

Anke hawn ghat-Tribunal din id-deskrizzjoni ta' dak li l-ufficjal tal-Awtorita` intimata irriskontra fuq is-sit jikkorrispondi perfettament ma' nuqqas da parti tal-kuntrattur inkarigat mill-Awtorita` appellanti li jzomm is-sit nadif mid-debris li kien qed jigi kkawzat bix-xoghol tieghu. Jirrizulta li x-xoghol li kellu jigi imwettaq kien dak proprju li jinqalghu gallariji u jigu mibdulin. Dan ix-xoghol kien qed isir 'il fuq mit-terran b'tali mod li l-kuntrattur kien stalla scaffolding min fejn kien qed iwettaq xoghlu. Huwa inkontestat li tali scaffolding u x-xoghol li kien qed isir fuqu huma ta' pertinanza ta' Escave Co Limited u x-xoghol li Escave kienet qed twettaq kien proprju fuq inkarigu tal-Awtorita` appellanti. Id-deskrizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-intimata jikxef il-fatt li tali kuntrattur kien x'aktarx konsapevoli tal-fatt li kien hemm hmieg jew debris li kien qed jaqa' minn fuq l-iscaffolding tieghu – minkejja x-shutter stallat – tant illi l-access ghall-pubbliku minn taht tali scaffolding gie sahansitra maghluq. It-Tribunal m'ghandu ebda dubju li t-trab riskontrat mill-ufficjal kien derivanti proprju mix-xoghol tal-kuntrattur inkarigat mill-Awtorita` tad-Djar mhux biss ghaliex il-frak u t-trab nutat mill-ufficjal huma kompatibbli max-xoghol kummissjonat imma wkoll ghaliex l-gheluq tal-sicaffolding ghall-pubbliku jikxef konsapevolezza da parti tal-kuntrattur li kien qed jahdem fuq l-

iscaffolding li kien hemm debris li seta' jaqa waqt li jkun qed jahdem kif fil-fatt jidher li gara. Fuq kollox, l-impjegati ta' Escave li gew mitkellma mill-ufficjal lanqas ma cahdu l-involviment taghhom f'tali xoghol meta l-istess ufficjal gibed l-attenzjoni taghhom ghal tali nuqqasijiet.

Tenut kont tas-surreferit it-Tribunal isib li l-Awtorita` rnexxielha tipprova li kien il-kuntrattur inkarigat mill-Awtorita` appellanti li kien qed ihammeg it-triq bid-debris gej mix-xoghol tieghu.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' l-aggravju preliminari tal-appell u kwindi jirrevoka d-decizjoni sakemm dina hija indirizzata fil-konfront tal-istess appellanti fil-kwalita` persunali tieghu, qieghed jichad il-bqija tal-appell u kwindi jikkonferma d-decizjoni datata 7 t'Awwissu, 2023 fil-konfront tal-appellanti fil-kwalita` rapprezentattiva tieghu tal-Awtorita` tad-Djar.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru